TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 224/10

**Geoffrey Bartolo**

**vs**

**Phoenix Domestic Appliances Ltd.**

Illum 27 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-26 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sitt mija, tlieta u sebgħin ewro (€673), rappreżentanti prezz ta' *washing machine* li tant kien hemm ħsara li ma riduhiex aktar.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għal seduta waħda.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li hija rappreżentanta tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *washing machine* xi snin ilu u kellu diversi lmenti fuqha u saru diversi tiswijiet għax kellha ħsara kbira. Minħabba l-fatt illi kienet għadha taħt il-garanzija, l-istess rikorrenti jistenna illi din il-ħsara tissewwa mis-soċjeta' intimata.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi fl-ewwel lok, li kieku l-ħsara ġiet murija immedjatament, ma kienx ikun hemm aktar ħsara, kif ukoll għandu jirriżulta li l-magna nxtrat erba' snin ilu u mhux sentejn ilu, u kif ukoll l-użu ħażin ikkontribwixxa għall-ħsarat.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi din il-magna kienet għadha taħt il-garanzija u jemmen illi r-rikorrenti baqa' juża l-magna meta kellha l-ħsara u li allura ikkontribwixxa għal aktar ħsarat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888